**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Angelo Caruana**

**V**

**CLIFFORD CAMILLERI**

**MICHELLE CAMILLERI**

**IVIN MIZZI**

**Illum, 5 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CLIFFORD CAMILLERI** ta' sbatax il-sena bin Lawrence u Moddie nee Farrugia, imwieled Pieta nhar t-

tmintax ta' Novembru, 1983 u joqghod 10, Hunter Valley, Triq s-Swatar, Swatar, detentur ta' karta tal-identita numru 587083M, **MICHELLE CAMILLERI** ta' hmistax il-sena, bint Lawrence u Moddie nee Farrugia, imwielda Pieta nhar l-hdax ta' April, 1985 u toqghod 10, Hunter Valley, Triq s-Swatar, Swatar, detentura tal-karta tal-identita numru 219785M u **IVIN MIZZI** ta' dsatax il-sena, bin Michael u Lilian nee Azzopardi, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' April, 1981, u joqghod 64, Nakita, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 235281M gew imressqa quddiemha akkuzati talli fis-Swatar, limiti tal-Imsida, fix-xahar ta' Mejju, 2000, u matul ix-xhur ta' qabel:

1. kkommettew serq ta' radio cassette, horn, battery u xi accessorji ohra minn fuq vettura tal-ghamla Leyland DAF bin-numru ta' registrazzjoni AAI 313, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Godwin Mifsud minn San Gwann;

2. talli fil-hdax ta' Mejju, 2000 u matul x-xhur ta' qabel din d-data, f'Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew

jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkunu ndahlu biex jbieghhom jew jmexxuhom.

3. **Clifford Camilleri wahdu gie akkuzat** talli fir-Rabat, fil-lejl ta' bejn l-ghaxra w l-hdax ta' Dicembru, 1999, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Morris Marina ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni EAI 434, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' John Mifsud mir-Rabat.

4. talli matul x-xahar ta' April, 2000, voluntarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq vettura tal-ghamla Morris Marina bin-numru ta' registrazzjoni EAI 434, liema hsara komplessivament tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin ghad-detriment ta' John Mifsud.

5. talli matul x-xahar ta' April, 2000, voluntarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli u cioe hsara fic-cella numru 14 fil-lock up tal-Belt Valletta, liema hsara komplessivament tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda ma teccedix l-hamsin lira maltin ghad-detriment tal-Kummissarju tal-Puliziija.

6. talli fl-ewwel ta' April, 2000, uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew li naqas li josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta' infrastruttura tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew u cioe hedded permezz ta' telefonata anonima li hemm bomba fl-istabiliment Price Club Supermarket tas-Swatar.

**7.** Fl-ahhar nett **Clifford Camilleri u Michelle Camilleri wahedhom** gew akkuzati talli kisru l-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Minorenni datata hdax ta' Novembru, 1999 fejn kienu gew misjuba hatja ta' reat u gew liberati taht kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor fi zmien sena.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta ta' Lulju, 2000 esibit f'dawn l-atti bhala dokument AC 1.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 2000.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputati Clifford Camilleri u Michelle Camilleri jammettu l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv dik ta' ricettazzjoni u ghalhekk il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni.

Semghet lil Ivin Mizzi jammetti l-akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati ta' din l-akkuza.

Illi l-Qorti nnotat li l-Prosekuzzjoni tat l-akkuza ta' ricettazzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta' serq f'kaz li ma tirrizultax u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-istess persuna

hatja ta’ zewg akkuzi li nghataw b’mod alternattiv ghal xulxin. Ghalhekk f’kaz tal-imputati ahwa Camilleri il-Qorti tiddikjara li mhux qed ssibhom hatja tal-akkuza ta’ ricettazzjoni filwaqt li fil-konfront ta’ Ivin Mizzi, tiddikjara li mhux qed ssibu hati tal-akkuza ta’ serq u minn dawn l-akkuzi qed tilliberahom.

Dwar il-piena il-Qorti qiset c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment li l-imputati ghandhom eta zghira specjalment fil-konfront tal-ahwa Camilleri li kellhom hmistax u sittax il-sena meta kkommettew dan r-reat.

Rat il-fedina penali tal-imputat Ivin Mizzi li hija nadifa u minghajr ebda tebgha ta’ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha filwaqt li dik ta’ Clifford Camilleri huwa kien instab hati ta’ ksur ta’ kontravenzjoni fl-erbgha ta’ Mejju, 1999 meta kien gie liberat mill-Qorti tal-Minorenni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dik d-data.

Rat wkoll il-fedina penali ta’ Michelle Camilleri minn fejn jirizulta li kienet giet liberata wkoll mill-Qorti tal-Minorenni bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena minn dik d-data u dan meta kien ghad kellha erbatax il-sena.

Illi jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Jannar, 2001, li l-imputati Ivin Mizzi u Clifford Camilleri llum ghandhom impjieg filwaqt li Michelle Camilleri ghadha qed tattendi l-iskola.

Il-Qorti qiset wkoll l-ammissjoni tal-imputati ghal partecipazzjoni taghhom fir-reati addebitati lilhom.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti temmen li l-imputati ghandhom jinghataw sforz genwin sabiex jirrintegraw ruhhom tajjeb fis-socjeta b'mod li ghandhom jinsew dak kollu li ghamlu u jzommu 'l boghod mill-kriminalita. Il-Qorti thoss li ghandha taghtihom c-cans sabiex jkomplu f'din t-triq t-tajba li qabdu u cioe ta' xoghol u skola u ma trid taghmel xejn li bih tista tisfratthom minn dan. Il-Qorti wkoll thoss li ghandu jsir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, izda li jkun hemm possibilment li dak li jkun jigi riformat u jikkonvingi ruhu li ghandu jsegwi t-triq t-tajba.

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li piena idoneja hija dik li tpoggi lil imputati taht supervizjoni ta' Probation Officer sabiex l-istess Ufficjal tal-Probation jsegwi l-andament u l-imgieba taghhom mill-vicin.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-artikolu 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 284, 285, 334, 325B, 325C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 34(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta .

**Tiddecidi billi tiddikjara li qed ssib lil imputat IVIN MIZI hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u tilliberah minn kull akkuza ohra, tiddikjara li qed ssib lil imputat CLIFFORD CAMILLERI hati taz-zewg akkuzi ta' serq, ta' hsara volontarja ghad-detriment ta' John Mifsud u ghad-detriment tal-Kummissarju tal-Pulizija u talli ghamel uzu minn apparat tat-telekomunikazzjoni u talli kiser il-Probation moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Minorenni nhar il-hdax ta' Novembru, 1999 u mhux hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u tilliberah minnha. Dwar l-imputata Michelle Camilleri_l-Qorti tiddikjara li ssibha hatja ta' serq ghad-detriment ta' Godwin**

**Mifsud minn San Gwann u talli hija kisret il-Probation Order moghtija lilha mill-Qorti tal-Minorenni u mhux hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni minn liema akkuza tilliberah.**

**Fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tapplika l-piena taht il-minimu bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar il-piena:**

**Tiddecidi billi tpoggi lit-tlett imputati u cioe CLIFFORD CAMILLERI, MICHELLE CAMILLERI u IVIN MIZZI taht is-supervizjoni tal-Ufficjal tal-Probation Michelle Sultana, ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 132 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum u dan taht il-htigijiet segwenti:**

1. **Li matul il-perjodu ta' Probation t-tlett l-imputati ghandhom jgibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation fuq imsemmija, inkluz kull direttivi li hi thoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certi postijiet u/jew nies;**

**2. Li l-probationers ghandhom jzommu ruhhom kontinwament f'kuntatt ma l-Ufficjal tal-Probation skond d-direttivi li din taghtihom min zmien ghal zmien, u partikolarment huma ghandhom, jekk l-Ufficjal tal-Probation tkun trid hekk, jircievu zjarat li din l-Ufficjal tal-Probation taghmel ghandhom fejn ikunu joqghodu;**

**3. Il-probationers ghandhom minnufih jgharrfu lill-Ufficjal tal-Probation b'kull tibdil ta' residenza taghhom;**

**5. Illi l-Ufficjal tal-Probation ghandha tidher l-Qorti flmkien mal-probationers kull sitt xhur fid-dati u hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Ufficjal tal-Probation sabiex taghti rapport lil Qorti dwar l-andament u l-imgieba tal-probationers;**

**Il-Qorti wissiet lit-tlett imputati li jekk jiksru xi kundizzjoni imposta hawn fuq fuqhom jew jekk jikkommettu xi reat, ikun liema jkun waqt il-perjodu ta' Probation, m'ghandhomx wara jippretendu li jergghu jsibu l-klemenza tal-Qorti.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-setenza tigi minnufih komunikata lil Probation Officer Michelle Sultana skond l-ligi.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**